*GILJOTTINA*

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 t'Ottubru, 2001**

**Numru : 21**
**Citaz. Numru : 1163/01/RCP**

**U.C.I.M. Co Ltd**

**vs**

**Janine Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta, attrici fl-ammont ta' elf seba' mija u wiehed u ghoxrin lira (LM1721) rappresentanti import ta' 29 kambjali, 1 ta' LM41 (bilanc) u l-ohrajn ta' LM60 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Frar 1999 sa

Gunju 2001 u mhux imhallsa, huma hawn annessi markati bin-numri minn 1 sa 29 konsekuttivament u inklusivament.

Illi ghalkemm mitluba biex thallas diversi drabi, il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi l-kreditu tas-socjeta` attrici fis-somma ta' LM1721 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta` attrici, il-konvenuta ma ghandha l-ebda difisa valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Alfred Formosa, ir-rappresentant tas-socjeta' attrici, hawn anness Dok. A.

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

(1) ma ghandhiex dina l-Qorti taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u

(2) hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' LM1721 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2001 jammontaw ghal LM168, oltre imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenuta li hija ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta’ Alfred Formosa ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni tas-socjeta` attrici tat-12 ta’ Lulju 2001 stante pagament akkont fil-mori tal-kawza.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** limitatament ghas-somma ta’ elf tlett mija u wiehed u ghoxrin lira (Lm1,321).

Bl-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala, oltre imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**25 t'Ottubru, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**25 t'Ottubru, 2001**